# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 12/2024

**Data tal-laqgħa:** 12 ta' Frar, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Loranna Bonnici | ***Kunsilliera*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |



MZ SD

# MINUTI

## 12.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

12.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 11

11.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 11 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mil- mill-Viċi Sindku Bernice Caruana, li kienet issekondata mil-Kunsiller Joseph Scembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

12.3.1 Is-sindku wassal li kien hemm kommunikat mil-GreenPak ħabba it-tiġdid tal-Kuntratt tal-ibins, il-kunsill qabel li dan jerġa' jiġi mġedded u jekk jista' jkun jipprovdu bin ieħor għall-ħgieġ għax dan qed jimtela' malajr.

12.3.2 Kien hemm kommunikat mill-GreenMT fejn talbu biex jintbagħat rapport lil puluzija ħalli jkollu iktar assistenza rigward ħmieġ li qed isir minn trakkijiet li joħorġu mil-barrieri. Il-Viċi Sindku Bernice Caruana tat assoluzzjoni li jintbagħat kommunikat lill-puluzija rigward il-ħmieġ li qed jitħala fit-toroq għax dan jista' jkun ta' periklu u l-Kunsillera qablu ma' dan.

12.3.3 Is-Sindku bi qbil mal-Kunsillera wrew ix-xewqa li kull 3 xhur toħroġ *'newsletter'* għar-residenti bl-attivitajiet li jkunu ħa jsiru f'dak iż-żmien.

12.3.4 Komunikat ieħor li wasal kien rigward Siti ta' Patrimonju Storiku li jeħtieġu restawr. Il-kunsill qabel li jkun hemm restawr tax-xelters u niċeċ.



m2 PD

12.3.5 Is-sindku irċieva kommunikat minn Project Green fejn se tniedi skema mmirata speċifikament għall-Kunsilli Lokali sabiex ikomplu jżidu l-ammont ta' siġar u arbuxelli madwar il-pajjiż kollu. Il-Kunsill qabel li jniżżlu s-siti fi Triq ir-Ramlija u pjazza Żerniq

12.3.6 Id-Dipartiment tal-Affarijiet Rurali, li jopera taħt il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd, u Drittijiet tal-Annimali (MAFA), wasal kommunikat għall - parteċipazzjoni fl-iskema "Ġonna fl-Urban" għall-akkwist ta' Siġar taż-Żebbuġ u taċ-Ċitru u għat-tħawwil f'żoni pubbliċi. Il-Kunsill qabel li jkun hemm ħsieb rigward fejn jistgħu jiġu mwaħħla u tinata lista ta' siti fejn dan jista' jseħħ.

12.3.7 Kien hemm kommunikat min-naħa tax-Xierfa Museum biex isir attivita' għall-istudenti u residenti. Il-Kunsillera Loranna ħa tagħmel komunikat mal-iskejjel biex mmexxu din l-inizjattiva.

12.3.8 Is-Sindku ġie avviċinat bie xisir kors fuq il-presepju u anke l-agrikoltura. Tal-Presepju ħa jdum 5 t'ijiem u ħa tintuża s-sala tal-Kunsill. Dan ħa jsir b'għan filantropiku li jgħin l-entitajiet. Għal tal-Agrikoltua ħa tintuża ukoll is-sala tal-Kunsill.

## 12.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillera

12. 4.1 F'dan l-istadju ma kien hemm ħadd mill-Kunsillera li kellu xi mistoqsijiet.

## 12.5 Laqgħa mal-accountant tal-Kunsill

12.5.1 Il-Kunsill kellu laqgħa online mal-'*accountant*' fejn ġie spjegat il-*Business Plan* fuq 5 snin, il-*Quarterly Financial Report* u r-rapport Anwali tas-sena 2024.

12.5.2 Il-Kunsill qabel ma' dawn id-dokumeti u r-rapporti. Is-Sindku flimkien mas-Segreatarju Eżekuttiv ffirmaw ir-rapport finanzjarju għas-sena 2024.

## 12.6 Streetlightning

12.6.1. Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill probelma li qed tinħoloq bil-bozoz għaliex in-numru tagħhom mhux qed ikun jaqbel mal-bozza li qed tiġi rraportata.

3.

12.6.2 Il-Kunsill qabel li dawn il-bozoz jiġi rregolarizat u tiġi aġġornata l-'Base Map tal-GIS' tad-dawl.

## 12.7 Vjal Kulħadd

11.7.1 Ħal Kirkop inata żewġ proġetti ta' Vjal Kulħadd.

11.7.2 Ħa ssir laqgħa nhar il-Ġimgħa 14 ta'Frar, 2025 fejn ħa jkunu preżenti l-Kunsiller Joseph Schembri, il-Kunsillera Loranna Schembri, il-Viċi Sindku Bernice Caruana u s-Sindku Matthew Agius Zammit.

11.7.3 Fil-laqgħa ħa jkun hemm aġġornament fuq x'hiex jikonsisti l-proġett.

## 12.8. Skemi

12.8.1 Is-Sindku kkomunika li nħarġu tliet skemi ta' fondi maħruġa mid-Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni. Dawn huma:

12.8.1.1 SPI/SCI/02/2025-Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026. Proponent is-Sindku Matthew Agius Zammiit u ġiet isekondata mil-Kunsilliera Loranna Bonniċi.

12.8.1.2 SPI/SCI/03/2025- Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa.

12.8.1.3 SPI/SCI/04/2025- Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025

12.8.2 Is-Sindku ressaq mozzjoni biex dawn l-iskemi jiġu approvati, u ġie ssekondat mil-Kunsillera Loranna Bonniċi.

12.8.3 Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li l-Kunsill japplika għal dawn l-iskemi.

## 12.9 Ġieħ u Jum Ħal Kirkop

12.9.1 Ġew proposti xi attivitajiet li jsiru għal Jum u Ġieħ Ħal Kirkop, iżda sar ftehim li jkun hemm laqgħa apposta li tikkonċerna dawn iż-żewġ attivitajiet u jiġi diskussi iktar fid-detall.



MZ FD

12.9.2 Il-ġurnata li fiha ħa jseħħ dan hija 29 ta' Mejju, 2025.

## 12.10 Media Soċjali

12.10.1 Xi ġranet qabel kien inqala kemxejn disgwid fuq l-użu tal-media soċjali. Dan ġie diskuss u l-kunsill qabel b'mod unanimu li dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Kunsill jitella' fuq il-paġna tal-Kunsill.

## 12.11 Ilmenti

12.11.1 Il-Kunsilliera Loranna waslet ilment li Fi Triq l-Aħfar hemm 'double yellow line' li għandu jitneħħa, iżda dan mhux possibli ilgħaliex dawn il-linji saru biex ma jkunx hemm parkeġġ, ħalli l-karozzi li joħorġu mil-garaxx oppost ikunu jistgħu joħorġu mingħajr problemi.

12.11.2 Il-Kunsilliera Loranna waslet ilment fi Pjazza Żerniq qed ikun hemm ħafna ħmieġ u parkeġġ bl-addoċċ u dan qed iwassal għall-frustrazzjoni fost ir-residenti.

12.11.2.1 Is-Sindku ħa r-responsabbilta' li jiċċekja rigward dan, ilgħaliex f'dik it-triq kienu ħa jsiru xi xogħlijiet.

12.11.3 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi uriet nuqqas ta' qbil fuq l-armar li ħa jsir tan-nar mil-Każin ta' San Anard. Wara suġġeriment mil-viċi Sindku Bernice Caruana kien hemm qbil li dan jiġi diskuss ma' min hu responsabbli li l-ġranet ta' armar jonqsu biex ma jkunx hemm għeluq fit-tul tal-pjazza.

12.11.3.1 Kien hemm qbil ukoll li jintbagħat imejl lil każin ikonċernat biex jekk isir xi ħsara mal-bini tal-madwar kif ukoll lill-Kunsill, il-kunsill ma jkunx responsabbli, iżda jkunu huma.

12.11.4 Is-Sindku wasalu lment dwar container li ġabet il-klinika u li qiegħed fi Triq Danny Cremona. Dan qigħed mingħajr permess u qed jostakola parkeġġ tad-diżabilta'. Fuq dan kien hemm qbil li ssir twissija fuq dan il-kontejner biex jitneħħa.



m2 RB

12.11.5 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana waslet lment fuq il-Bus Shelter ġewwwa Triq l-Industrija li issa ġiet bla ebda użu u ġie propost li timxi, imma l-allokkazzjoni alternattiva għad trid tiġi diskussa.

## 12.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

12.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru 159 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

12.12.2 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana resqet mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 159 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Loranna Bonniċi, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 12.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

11.12.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

11.12.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 12 ta' Marzu, 2025 fil-17:00hrs.

11.12.3 Il-laqgħa ntemmet fit-20.00.



MZ FP

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP

**Mozzjoni Ref:** 33/25 /10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 159 tiġi approvata.

**Proponent**
Bernice Caruana

**Sekondant**
Loranna Bonniċi

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 12 ta' Frar, 2025

Sa. Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 34 /25/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 12

**Proponent**
Bernice Caruana

**Sekondant**
Ritienne Caruana

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta' Frarr, 20252

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 35 /25/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex tiġi approvata l-iskema SPI/SCI/02/2025-Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026.

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Loranna Bonniċi

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta' Frar, 2025

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Kunsill Lokali
HAL KIRKOP
parva non iners

**Mozzjoni Ref:** 36/25/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex tiġi approvata l-iskema SPI/SCI/03/2025- Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Loranna Bonniċi

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 12 ta' Frarr, 2025

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 37/25/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex tiġi approvata l-iskema SPI/SCI/04/2025- Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | Loranna Bonniċi |

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 12 ta' Frar, 2025

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**